**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 427/2022 MS*

**Margaret Azzopardi**

**Vs.**

**Anthony Abela**

Illum, 16 ta' Diċembru, 2024

Kawża Numru: 13

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fl-24 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu, wara li ppremettiet hekk:

> Illi fit-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u għoxrin (2020) miet Alessio Gatt, iz-ziju tal-attriċi Margaret Azzopardi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 170023M, hekk

kif jirriżulta mic-ċertifikat tal-mewt tiegħu anness u mmarkat bħala "Dok A";

Illi is-successjoni tal-mejjet Alessio Gatt hija regolata permezz ta' testment ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Roland Wadge fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) (kopja hawn annessa u mmarkata "Dok.B") u dan kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) fejn ma rriżulta l-ebda testment sigriet (riċerki annessi u mmarkati bhala "Dok. Č" u "Dok. D");

Illi permezz tal-istess testment, filwaqt illi rrevoka kwalunkwe testment li seta' għamel qabel, Alessio Gatt halla lill-konvenut Anthony Abela bħala l-uniku werriet u sid tal-propjeta' kollha tiegħu, mobbli u immobbli, kif ukoll ħalla lill- attriċi Margaret Azzopard bħala legatarja;

Illi fl-Artikolu Hamsa tat-testment, id-decuius innomina lill-attriċi bħala legatarja ta' somma flus li tirrappreżenta d-depożiti fil-kont tiegħu tal-Bank of Valletta bl-obbligu li tħallas l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-funeral tiegħu;

Illi l-konvenut għandu aċċess esklussiv għal-legat hawn fuq imsemmi, u minkejja li ġie interpellat kemm-il darba sabiex jimmetti lill-attriċi fil-pussess tiegħu, inkluż permezz ta' Ittra Uffiċjali numru 974/2022, hu baqa' inadempjenti (kopja legali tal-Ittra Uffiċjali annessa u mmarkata bħala "Dok E";

Illi għalhekk kellu isir dan ir-rikors

l-istess attriċi għaddiet biex titlob lill-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-legat tad-depożiti fil-kont ta' Bank of Valletta ta' Alessio Gatt jappartjenu esklussivament lill-attrici permezz tat-testment fl-atti tan- Nutar Dr. Roland Wadge tal-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018);

2. Tillikwida somma flus li tirrappreżenta d-depoziti fil-kont tiegħu tal-Bank of Valletta;

3. Tordna lill-intimat jimmetti lill-attriċi fil-pussess tal-ammont hekk likwidat fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti;

Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali numru 974/2022, u bl-interessi kontra l-intimat illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

2. Rat li l-konvenut ressaq risposta ġuramentata fl-14 ta' Lulju 2022[1], li biha huwa wieġeb hekk:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti jigbed l-attenzjoni ghall-fatt illi skond l-ahhar testment tad-decuius Alessio Gatt, il-legat imholli lilha kien is-segwenti:

Article 5
The Testator hereby bequeaths by title of legacy onto Margaret Azzopardi, wife of Roman, in full ownership with the right of vulgar substitution in favour of her children if she predeceases the Testator,
(i) All the contents of his apartment in Malta
(ii) His deposits in Bank of Valletta, provided that she pays all his funeral expenses therefrom.

Illi madanakollu r-rikorrenti kienet nefqet xi flejjes mill-kontijiet tal-bank li d-decuius kellu ma banek ohrajn inkluz HSBC versu l-funeral tieghu. Illi ghalhekk, tali spejjez ghandhom jitnaqqsu mil-legat li ghandu jithallas lir-rikorrenti ghaliex dawk il-flejjes jaghmlu parti mill-wirt shih tal-mejjet li għandu jitaqqas bejn il- werrieta u legatarji ohrajn tieghu.

2. Illi minkejja illi r-rikorrenti giet interpellata sabiex tipprovdi kopji tal-ircevuti tas-sommom zborsati minn kontijiet ohrajn ta' Alessio Gatt, sallum hija naqset milli taghmel dan.

3. Illi ladarba jigu mnaqqsa l-ispejjez tal-funeral ta' Alessio Gatt, li gew zborsati minn kontijiet bankarji ohrajn, mill-bilanc li kien hemm fil-kont tal-bank li d-decuius kellu fil-Bank of Valletta, l-esponenti fil-kwalita' tieghu ta' werriet ta' Alessio Gatt ma jkollu l-ebda diffikulta li jhallas dan il-bilanc ghas-saldu ta' dan il-legat.

4. Illi ladarba dan il-legat ma setax jithallas qabel kawza tal-agir tar-rikorrenti stess, fejn din qabdet u minn jedda zborsat flus ghall-ispejjez tal-funeral ta' Alessio Gatt minn

[1] Fol.25.

> kontijiet bankarji ohrajn, minghajr ma tat kopja ta' dawn l-ammonti lill- esponenti minkejja interpellata sabiex taghmel dan, l-esponenti m'għandu jigi addossat bl-ebda parti mill-ispejjez ta' dawn il-proceduri.
>
> Salv kull eccezzjoni ohra permissibbli skond il-Ligi.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

5. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija azzjoni magħmula minn legatarja kontra werriet sabiex tingħata l-pussess ta' legat imħolli lilha.

7. Il-fatti rilevanti huma dawn.

8. Il-kontendenti huma aħwa. Iz-ziju tagħhom, Alessio Gatt, miet fit-12 t'April 2020[2]. Is-suċċessjoni tiegħu[3] ġiet regolata minn testment pubbliku li huwa għamel fl-atti tan-Nutar Roland Wadge fil-11 t'Ottubru 2018[4]. Fost dispożizzjonijiet oħrajn, huwa ddispona hekk permezz tal-ħames artikolu tat-testment preċitat:

> The Testator bequeaths by title of legacy unto Margaret Azzopardi, wife of Roman, in full ownership with the right of vulgar substitution in favour of her children if she predeceases the Testator,
> (i) all the contents of his apartment in Malta
> (ii) his deposits in Bank of Valletta, provided that she pays all his funeral expenses therefrom.

9. Il-konvenut ġie nominat werriet universali tat-testatur Alessio Gatt.

---

[2] Fol.5.
[3] Ara r-riċerki testamentarji eżebiti minn fol.9-15.
[4] Fol.6.

10. Irriżulta li t-testatur kellu kont wieħed fi ħdan is-soċjetà Bank of Valletta plc. Ir-rendikont relattiv juri li fil-jiem tal-14 u tal-15 t'April 2020 (u ċjoè wara l-mewt tat-testatur) inġibdet is-somma globali ta' €2,000 minn dan il-kont[5]. Dawn il-flus inġibdu mill-attriċi stess[6]. Il-bilanċ ammontanti għal €15,686.33 inġibed mill-konvenut fil-11 ta' Settembru 2021[7].

11. L-attriċi xehdet illi l-ispejjeż tal-funeral ta' Alessio Gatt kienu jammontaw għal €1,625.50[8], filwaqt li l-ispejjeż sabiex saret lapida fuq il-qabar tiegħu kienu jammontaw għal madwar €120 jew €130, għalkemm ma kellha ebda riċevuta dwar din l-ispiża[9]. L-attriċi xehdet li dawn l-ispejjeż tħallsu permezz ta' fondi li kienu jinsabu depożitati f'kont ta' tfaddil li l-mejjet kellu mas-soċjetà Bank of Valletta plc[10]. Hija tgħid li għalkemm talbet lill-konvenut jittrasferilha l-bilanċ tad-depożitu f'dan il-kont, huwa baqa' m'għamilx hekk, minkejja li ħa pussess tal-flus in kwistjoni.

12. Irriżulta wkoll li fid-29 t'April 2021[11] l-attriċi ġibdet is-somma ta' €369 minn kont li l-mejjet kellu mas-soċjetà HSBC Bank Malta plc. Xehdet li din is-somma ġibditha fuq parir ta' persuna li taħdem fl-istess bank biex dan l-ammont ma jintilifx, u għalhekk indikathom bħala spejjeż tal-funeral u tħalliet tiġbed l-istess somma[12].

13. B'ittra uffiċċjali tal-10 ta' Marzu 2022[13], l-attriċi sejħet lill-konvenut sabiex jimmittiha fil-pussess ta' dan il-legat.

14. F'din il-kawża, il-konvenut għamel riferenza għal kawża oħra li huwa għamel fil-konfront ta' ħuh Joseph Abela, u li għadha pendenti, u jgħid li «*iddeċidejt inżomm kollox sakemm jiġu deċiżi dan il-proċeduri u jinqasam kollox quddiem Nutar, kif suppost. Jiena ma għandix problema li kif tiġi deċiża l-kawża, taħt superviżjoni ta' Nutar, jiġi issettiljat kollox u kulħadd jieħu dak li hu tiegħu*»[14]. Din il-kawża, li nbdiet

[5] Fol.41.
[6] Ara x-xiehda tal-attriċi in kontro-eżami, a fol.51.
[7] Ara x-xiehda ta' Johanna Bartolo, a fol.38-39.
[8] Fol.61-62.
[9] Ara x-xiehda tal-attriċi in kontro-eżami, a fol.47.
[10] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi, a fol.30.
[11] Fol.72.
[12] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-attriċi, a fol.55.
[13] Kopja legali eżebita a fol.16.
[14] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.94.

permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 1154/2021, għadha pendenti u tirrigwarda t-titolarità skont it-testment ta' Alessio Gatt għall-benefiċċji naxxenti minn polza t'assikurazzjoni li l-mejjet kellu ma' soċjetà fl-esteru. L-attriċi m'hijiex parti f'dik il-kawża.

Ikkunsidrat:

15. Illi huma tnejn id-dispożizzjonijiet tal-liġi li għandhom jirregolaw il-konsiderazzjonijiet li se tagħmel din il-Qorti. L-ewwel dispożizzjoni rilevanti hija l-artikolu 726(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk:

> Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat.

16. It-tieni dispożizzjoni rilevanti hija l-artikolu 721 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk:

> 721.(1) Kull legat pur u sempliċi jagħti lil-legatarju, minn dakin-nhar tal-mewt tat-testatur, jedd, li jista' jgħaddi għall-werrieta tal-istess legatarju, jew għal dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin minnu, li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat.
> (2) Il-legat magħmul taħt kondizzjoni ma jagħtix lil-legatarju dak il-jedd qabel ma tiġri l-kondizzjoni.

17. Huwa miżmum illi għalkemm il-benefiċċjarju ta' legat pur u sempliċi jikseb il-proprjetà tal-legat imħolli lilu mal-ftuħ tas-suċċessjoni, il-pussess ta' dak l-oġġett, bħall-pussess ta' kull ħaġa oħra formanti parti mill-eredità, jgħaddi għand il-werriet. Huwa għalhekk li l-liġi trid li l-legatarju jitlob il-pussess tal-ħaġa mħollija lilu b'legat mingħand il-werriet:

> Il diritto al legato e il diritto di credito, o il diritto reale che forma il contenuto del legato, acquistansi dal legatario per virtù della sola disposizione del testatore e per ministero di legge, e senza bisogno di verun atto da parte sua.
> Ma ben altrimenti procede la cosa rispetto al possesso: poichè il legatario deve sempre domandare all'erede il possesso della cosa legata. Imperocchè il possesso della medesima, come d'ogni altra cosa compresa nell'eredità, passando dal defunto all'erede per ministero di legge,

> appartiene a questo, e non può quindi aversi dal legatario, se dall'erede medesimo non gli viene concesso.[15]

18. F'dan is-sens ukoll hija l-ġurisprudenza tagħna (ara, per eżempju, ***Francesco Vassallo La Rosa vs. Lorenzo Bugeja***, Prim'Awla, 22 t'Ottubru 1932[16]; u ***Azzjoni Kattolika Maltija vs. Mary Rose Espinosa et***, Appell Superjuri, 26 ta' Novembru 2024).

19. Id-dmir impost mit-testatur fuq il-legatarja attriċi, u ċjoè li tħallas l-ispejjeż funerarji tiegħu mid-depożiti mħollija lilha, m'hijiex kondizzjoni li twassal biex it-titolu tal-oġġett imħolli b'legat ma jgħaddix favur tagħha mal-ftuħ tas-suċċessjoni. Il-Qorti jidhrilha li dak id-dmir huwa *modus* marbut mal-liberalità mħollija lill-attriċi, u għalhekk lanqas ma titqies kondizzjoni. Fid-deċiżjoni ***Francesca Saveria sive Saverina Muscat vs. Bice Borg noe et*** (Prim'Awla, 28 ta' Mejju 1958)[17] ġiet spjegata kif ġej id-distinzjoni bejn *conditione* u *modus*:

> Il-"modus" mhux ħaġ'oħra ħlief obligazzjoni aċċessorja għal kuntratt ta' indoli gratuwita, li tiġi mposta lill-persuna gratifikata. Mingħajr dan il-"modus", il-kuntratt ikun perfettament gratuwitu u jsir liberalità. Il-"modus" inaqqas il-benefiċċju tal-persuna gratifikata u jirrendi l-kuntratt imperfettament oneruż. Għalhekk, il-"modus" hu konċepibbli biss fid-donazzjonijiet u fil-liberalitajiet testamentarji, jew almenu f'dawk il-kuntratti li, għalkemm apparentement korrispettivi, jikkontjenu però taħlita ta' liberalità, u fill-limiti ta' din il-liberalità l-att hu kapaċi li jkun sottopost għall-piż, għal "onus", jiġifieri għal "modus";
>
> Il-"modus" jiddiferixxi mill-"conditio" (1) għaliex "la condizione" qatt ma għandha effikaċja koerċittiva imma merament effett sospensiv jew riżoluttiv, waqt li l-"modo" jipproduċi effett koerċittiv, u mhux sospensiv; il-persuna gratifikata takkwista mill-ewwel il-proprjetà mħollija lilha, u dan mingħajr ma toqgħod tistenna l-adempiment tal-"modus", imma hija tkun tista' tiġi mġiegħla teżegwixxi l-"modus", jekk tkun aċċettat il-liberalità; (2) għaliex, jekk "la condizione" hija impossibbli jew illeċita, "vitiatur et vitiat", waqt li, jekk il-"modo" hu impossibbli jew illeċitu, ikun null fih stess, imma ma jassoġġettax għal nullità l-liberalità li għaliha jaċċedi, jiġifieri "vitiatur tantum"

[15] ***Pacifici Mazzoni***, Il Codice Civile Italiano Commentato, Vol.XI, §62.
[16] Kollezz. Vol.XXVIII.ii.271.
[17] Kollezz. Vol.XLII.ii.1055.

20. Minn dan kollu jinżel li l-attriċi effettivament kisbet il-proprjetà tad-depożiti bankarji mħollija lilha mal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Alessio Gatt. Għaliex l-obbligu mpost fuqha għall-ħlas tal-ispejjeż funerarji huwa *modus*, isegwi li l-konvenut kellu l-jedd li jġiegħlha tosserva dak l-obbligu, imma ma setax jissubordina d-dritt tal-attriċi għall-benefiċċju mħolli lilha għat-twettiq ta' dak l-obbligu.

21. Però f'kull każ, jirriżulta li l-attriċi wettqet id-dmir impost fuqha.

22. Eżaminati r-raġunijiet miġjuba mill-konvenut in oppożizzjoni tat-talbiet tal-attriċi, il-Qorti jkollha tasal għall-konklużjoni li dawn huma infondati.

23. Il-fatt li l-attriċi ġibdet mid-depożiti bankarji miżmuma minn Bank of Valletta plc somma flus li teċċedi l-ispejjeż tal-funeral (b'inqas minn tliet mitt Ewro) mhux raġuni għaliex il-konvenut, bħala werriet, m'għandux jimmittiha fil-pussess tal-kumplament tal-flus depożitati. Wara kollox, kif diġà rajna, dawn il-flus kienu diġà proprjetà tal-attriċi sa mill-mument li miet Alessio Gatt, u għalhekk l-attriċi sempliċiment żammet għandha flus li kienu legalment tagħha stess.

24. Il-kawża imressqa mill-konvenut kontra ħuh l-ieħor b'ebda mod ma tikkostitwixxi mpediment leġittimu li jiġġustifika l-ħlas tal-legat, bħal ma kien ikun il-każ kieku xi ħadd impunja l-validità tat-testment ta' Alessio Gatt (ara, per eżempju, ***Doris Catania et vs. Evelyn Farrugia et***, Appell Superjuri, 26 t'Ottubru 2022). Dik il-kawża tirrigwarda biss tilwima dwar it-tifsira ta' dispożizzjoni testamentarja oħra li ma tinfluwixxi xejn fuq il-validità u l-eżiġibilità tal-legat li dwaru saret din il-kawża.

25. Waqt it-trattazzjoni, intqal li l-konvenut kien lest li jimmetti lill-attriċi fil-pussess tal-legat, kemm-il darba hija tagħmel tajjeb għall-ammont li ġibdet mill-kont bankarju miżmum mas-soċjetà HSBC Bank Malta plc f'isem il-mejjet. L-attriċi, min-naħa l-oħra, sostniet li l-konvenut m'għamilx rikonvenzjoni u għalhekk it-tpaċija pretiża minnu ma tistax tingħata effett.

26. Il-Qorti tqis li l-attriċi ġibdet din is-somma bla jedd, u għalhekk din għandha tintradd lura permezz ta' tpaċija. Ma tistax taqbel mal-attriċi li l-effetti tat-tpaċija jiddependu

mill-istituzzjoni ta' rikonvenzjoni min-naħa tal-konvenut. Wara kollox, l-artikolu 1196(2) tal-Kodiċi Ċivili jgħid li t-tpaċija ssir *ipso iure*, anki mingħajr ma jafu ż-żewġ debituri, hekk kif ikunu jeżistu ż-żewġt idjun likwidi fi żmien wieħed. Kif ġie ritenut fid-deċiżjoni ***Maresco (Trading) Limited vs. Martin Camilleri pro et noe*** (Appell Superjuri, 3 ta' Marzu 2006):

> 6. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li għal dak li ghandu x'jaqsam ma' dritt, dak li qiegħed jiġi sottomess mis-soċjetà appellanti huwa legalment żbaljat. F'materja ta' tpaċija, il-liġi tagħna (hekk ara l-Artikolu 1196 et. seq. tal-kap. 16) jistipula b'mod ċar u inekwivoku li meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija. Mhux hekk biss, imma l-liġi tkompli tgħid li t-tpaċija ssir *ipso jure*, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs (ara senjatament l-Artikolu 1196(2) tal-Kap. 16).
>
> Din it-tpaċija ssir biss, fost oħrajn, bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus – kif jidher li hu l-każ in eżami bħala stat ta' fatt – u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu. Għalhekk meta s-soċjetà attriċi tibqa' tinsisti għan-neċessità ta' kontro-talba minflok sempliċi eċċezzjoni formali bħal dik li ġiet issollevata mill-konvenuti, l-istess soċjetà qegħdha fl-iżball u kwindi l-aggravju tagħha taħt dana l-aspett huwa infondat u qiegħed jiġi respint.

27. Is-somma li jirriżulta li ttieħdet hija ta' €369[18], u din għandha titnaqqas mill-ammont li l-konvenut għandu jikkunsinna lill-attriċi. B'danakollu, l-Qorti xorta ma ssibx li dan jiġġustifika l-pożizzjoni li ħa l-konvenut, li żamm lura milli jħallas legat lill-attriċi li jiżboq b'ferm iktar il-valur ta' din is-somma. Il-konvenut kien imissu offra lill-attriċi l-ħlas tal-legat bit-tnaqqis ta' din iċ-ċifra, u kien ikollu l-jedd li jipproċedi bid-depożitu fil-Qorti kemm-il darba l-attriċi rrifjutat din l-offerta. Depożitu li kien jeżimi lill-konvenut mill-konsegwenzi tan-nuqqas ta' ħlas. Minflok il-konvenut żamm il-flus tal-attriċi għandu.

28. Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi talbet ukoll l-imgħax.

[18] Fol.72.

29. Jibda biex jingħad li l-kwistjoni dwar il-frottijiet jew imgħaxijiet li jistgħu ikunu talvolta dovuti mill-eredi lill-legatarji hija regolata mill-artikoli 727 u 728 tal-Kodiċi Ċivili:

> 727. Il-legatarju ma jistax jitlob il-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat, ħlief minn dak in-nhar li jkun, imqar b'ittra uffiċjali, sejjaħ lill-werriet biex jikkunsinna jew iħallas il-legat, jew minn dak in-nhar li din il-kunsinna jew dan il-ħlas ikun ġie mwiegħed lilu.
>
> 728. L-imgħaxijiet jew il-frottijiet tal-ħaġa mħollija legat jibdew igħaddu favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur, ukoll mingħajr is-sejħa ġudizzjarja msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
> (*a*) meta t-testatur ikun espressament hekk ordna;
> (*b*) meta l-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.

30. L-artikolu 727 huwa ċar. Ir-regola ġenerali hija allura li l-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat ma jmissux lill-legatarju ħlief mill-jum li fih huwa jsejjaħ lill-werrieta għall-ħlas jew għall-konsenja tal-legat, imqar b'ittra uffiċċjali, jew minn dakinhar li l-ħlas jew il-kunsinna tal-ħaġa legata tkun ġiet mwiegħda lilu. Kif jgħid ***Ricci***, dwar disposizzjoni identika fil-Kodiċi Ċivili taljan tal-1865, «*Questa disposizione deriva, a parer nostro, dal principio, che la persona onerata del legato non può essere tenuta ad amministrare e far fruttare la cosa legata nell'interesse del legatario; onde questo obbligo allora sorge naturalmente a di lei carico quando sia stata posta in mora a consegnare la cosa dovuto...*»[19]. L-artikolu 728 jgħid li m'hemmx ħtieġa għal sejħa ġudizzjarja fejn it-testatur ikun ordna mod'ieħor, jew fejn il-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ta' ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.

31. Intqal b'referenza għad-diżposizzjoni korrispondenti fil-Kodiċi Ċivili taljan tal-1865, li «*Sotto la espressione capitale fruttifero intendesi una somma impiegata e producente interessi*»[20]. Ifisser dan illi l-kapital, biex jitqies bħala produċenti l-imgħaxijiet għall-benefiċċju tal-legatarju mingħajr il-ħtieġa ta' sejħa ġudizzjarja, irid ikun impjegat b'mod fruttiferu, u mhux sempliċiment munit bil-potenzjal li jiġi mpjegat b'dak il-mod.

[19] Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.III, §379.
[20] ***Pacifici Mazzoni***, Il Codice Civile Italiano Commentato, Vol.IV, §78

Tal-istess fehma huwa ***Ricci,*** li jgħid, «*Per capitale fruttifero non deve intendersi una somma di danaro, che è capace a produrre interessi, bensi quel danaro che trovandosi ġià investito dallo stesso testatore, è stato destinato a produrre interessi*». Din l-interpretazzjoni sabet sostenn anke fil-ġurisprudenza tagħna (ara ***Clyde Meli vs. Maurice Pace Decesare et***, Prim'Awla, 24 ta' Mejju 2002; kif ukoll ***Ester Farrugia et vs. Paolo Cauchi noe***, Prim'Awla, 1 t'April 1943[21]).

32. Fil-każ odjern jirriżulta li l-legat imħolli lill-attriċi jikkonsisti minn depożiti f'kont ta' tfaddil li kien qed iħalli imgħax ċkejken ħafna[22]. Dawk l-imgħaxijiet, żgħar kemm huma żgħar, għalhekk jappartjenu wkoll lill-attriċi. Però l-imgħaxijiet legali għandhom jitqiesu li bdew jiddekorru minn dakinhar li l-attriċi ressqet l-ittra uffiċċjali tal-10 ta' Marzu 2022.

33. L-ammont depożitat imħolli lill-attriċi, wara t-tnaqqis tal-ammont miġbud minnha biex tħallas il-funeral tat-testatur, flimkien mal-imgħax bankarju dekors favur l-istess kont, jammonta għal €15,686. Minn dan l-ammont għandu jitnaqqas €369, u l-bilanċ huwa dak li l-konvenut huwa obbligat li jħallas lill-attriċi.

34. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut biss sa fejn din hija kompatibbli ma' dak ikkunsidrat f'din id-deċiżjoni, u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu;

(ii) tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

(iii) tilqa' t-tieni talba billi tillikwida l-ammont rappreżentanti d-depożiti bankarji fil-kont ta' Alessio Gatt ma' Bank of Valletta plc fis-somma ta' ħmistax-il elf sitt mija tmienja u sittin Ewro (€15,686);

(iv) tilqa' t-tielet talba billi tordna lill-konvenut jimmetti lill-attriċi fil-pussess tal-legat imħolli lilha billi jħallasha s-somma ta' ħmistax-il elf tliet mija u sbatax-il

[21] Kollezz. Vol.XXXI.ii.110.
[22] Fol.41.

Ewro (€15,317), bl-imgħax legali dekorribbli mill-10 ta' Marzu 2022 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(v) tikkundanna lill-konvenut iħallas ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċċjali bin-numru 974/2022;

(vi) tordna li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu in kwantu għal sehem wieħed minn għoxrin ($^{1}/_{20}$) fuq l-attriċi, u in kwantu għar-rimanenti ishma fuq il-konvenut.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur